

## DEĊIŻJONI TAL-KUMMISSJONI

tat-28 ta' Ġunju 2011

dwar ir-rikonnoxximent tal-Ekwador skont id-Direttiva 2008/106/KE tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill fir-rigward tas-sistemi għat-taħriġ u ċ-ċertifikazzjoni tal-baħħara

(notifikata bid-dokument numru C(2011) 4440)

(Test b'relevanza għaż-ŻEE)

(2011/385/UE)

IL-KUMMISSJONI EWROPEA,

Wara li kkunsidrat it-Trattat dwar il-Funzjonament tal-Unjoni Ewropea,

Wara li kkunsidrat id-Direttiva 2008/106/KE tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tad-19 ta' Novembru 2008 dwar il-livell minimu ta' taħriġ tal-baħħara <sup>(1)</sup>, u b'mod partikolari l-ewwel subparagrafu l-Artikolu 19(3) tagħha,

Wara li kkunsidrat it-talba magħmula minn Spanja fl-14 ta' Frar 2006,

Billi:

- (1) Skont id-Direttiva 2008/106/KE l-Istati Membri jistgħu jiddeċiedu li jaċċettaw iċ-ċertifikati xierqa tal-baħħara li jkunu ġew minn pajjiżi terzi, sakemm dak il-pajjiż terz ikkonċernat ikun rikonnoxxut mill-Kummissjoni. Dawk il-pajjiżi terzi għandhom jissodisfaw ir-rekwiżiti kollha tal-Organizzazzjoni Marittima Internazzjonali (IMO) il-Konvenzjoni dwar l-Istandards għat-Taħriġ, iċ-Ċertifikazzjoni u l-Għassa tal-baħħara, 1978 (il-Konvenzjoni STCW) <sup>(2)</sup> kif ġiet riveduta fl-1995.
- (2) Permezz ta' ittra tal-14 ta' Frar 2006, Spanja ressqet talba għar-rikonnoxximent tal-Ekwador. Wara t-talba ta' Spanja, il-Kummissjoni vvalutat, it-taħriġ u s-sistemi ta' ċertifikazzjoni fl-Ekwador sabiex tivverifika jekk dan il-pajjiż jikkonformax mar-rekwiżiti tal-Konvenzjoni STCW u jekk ittiddux miżuri xierqa biex ikunu evitati l-frodi fil-ħruġ taċ-ċertifikati. Dik il-valutazzjoni kienet ibbażata fuq ir-riżultati ta' spezzjoni li għamlu l-esperti tal-Aġenzija Ewropea għas-Sigurtà Marittima f'Lulju 2007. Matul dik l-ispezzjoni, ġew iċ-ċertifikati ta' spezzjoni u s-sistemi ta' ċertifikazzjoni.
- (3) Il-Kummissjoni pprovdiet lill-Istati Membri rapport dwar ir-riżultati tal-valutazzjoni.

- (4) Permezz ta' ittra tat-18 ta' Marzu 2009, il-Kummissjoni talbet lill-Ekwador biex jipprovi provi li juru li n-nuqqasijiet li kienu iċ-ċertifikati ġew ikkoreġuti.
- (5) Permezz tal-ittra tat-8 ta' Mejju 2009, u tal-20 ta' Mejju 2009, l-Ekwador pprova l-informazzjoni mitluba u l-provi dwar l-implimentazzjoni tal-azzjoni korrettiva xierqa u suffiċjenti biex jiġu indirizzati n-nuqqasijiet kollha iċ-ċertifikati matul il-valutazzjoni ta' konformità;
- (6) Ir-riżultat tal-valutazzjoni tal-konformità u l-ewwel-valutazzjoni tal-informazzjoni pprovdut mill-Ekwador juru li l-Ekwador jissodisfa r-rekwiżiti kollha tal-Konvenzjoni STCW, u ħa l-miżuri xierqa biex ikunu evitati l-frodi fil-ħruġ taċ-ċertifikati. Għaldaqstant, għandu jiġi rikonnoxxut mill-Kummissjoni.
- (7) Il-miżuri previsti f'din id-Deċiżjoni huma skont l-opinjoni tal-Kumitat dwar l-bhra Sikuri u l-Prevenzjoni ta' Tniġġis minn Vapuri,

ADOTTAT DIN ID-DEĊIŻJONI:

Artikolu 1

Għall-finijiet tal-Artikolu 19 tad-Direttiva 2008/106/KE L-Ekwador hu rikonnoxxut fir-rigward tas-sistemi għat-taħriġ u ċ-ċertifikazzjoni tal-baħħara.

Artikolu 2

Din id-Deċiżjoni hija indirizzata lill-Istati Membri.

Magħmul fi Brussell, it-28 ta' Ġunju 2011.

Għall-Kummissjoni

Siim KALLAS

Viċi-President

<sup>(1)</sup> ĠU L 323, 3.12.2008, p. 33.<sup>(2)</sup> Adottata mill-Organizzazzjoni Marittima Internazzjonali.